MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 2/1994/2

**Salvu u Flavia konjuġi Cassar kemm f'isimhom proprju u kemm bħala leġittimi rappresentanti ta' binhom minuri Claudio Cassar; u b'nota tad-9 ta' Frar 1995, Claudio Cassar assuma l-atti f'ismu proprju tal-kawża stante li sar maġġorenni**

**vs**

**Paul Cardona u Carmel Cascun għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumpanija Valletta Management Services Limited, u b'digriet tas-6 ta' Novembru 1996, Martin Portelli ġie kjamat fil-kawża, u b'digriet tat-23 ta' Jannar 1997 Dr. Mario Scerri ġie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapreżenta lil Martin Portelli; u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2011 is-soċjeta' estera ERES BV ġiet kjamata fil-kawża; u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2011**

**ġiet kjamata fil-kawża l-kumpanija estera ERES BV, li l-Valletta Management Services Limted qed jaġixxu bħala mandatarji; u b'digriet tas-6 ta' Mejju 1994 Mario Grech u Dr. Giannino Caruana Demajo għan-nom u in rappresentaza tas-Soċjeta' "Middle Sea Insurance" ġew awtorizzati li jintervjenu fil-kawża in status et terminus**

Il-Qorti,

PRELIMINARI

Rat ic-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fit-13 ta' Lulju 1993 l-imsemmi Claudio Cassar kien qiegħed jakkumpanja lill-konvenut l-ieħor Michael Cremona li kien qed isuq il-Bowser li jġib in-numru K-9812 (M) mill-Petrol Station ta' l-atturi għall-Plant tat-Tarmac fi triq iż-Żebbuġ Victoria. L-istess Bowser kien inġab mid-depositu tal-Qatran likwidu tal-kumpanija konvenuta f'Manoel Island Malta permezz tax-xufier Joseph Pace;

Illi l-istess xufier Michael Cremona u Claudio Cassar riedu jbattlu l-kontenut tal-bowser li kien Hot Asphalt fid-depositu tat-Tarmac Plant fuq imsemmija u malli Claudio Cassar ħall il-PLUG biex jikkomunika l-pipe għal mar-reservoir tal-Hot Asphalt fl-impjant, il-qatran spara għal fuqhu u samatlu erbgħin fil-mija (40%) minn ġismu u kkaġuna feristi estensivi f'għonqu, f'wiċċu, idejh, saqajh u f'żaqqu;

Illi dan l-inċident ġara minħabba illi l-istop cock u safety valve li suppost kienu magħluqa sabiex jiġi evitat ħruġ inkontrollat ta' qatran, kienu fil-fatt miftuħin u kkaġunaw il-ħsara kbira li ġarrab l-istess Cassar;

Illi għalhekk l-inċident imsemmi huwa riżultat ta' għemil doluż inkella traskuraġni da parti tal-konvenuti jew ta' min minnhom jew tas-subalterni tal-Kumpanija konvenuta li għalihom trid tirrispondi l-istess Kumapanija;

Illi l-istess Claudio ħtieġlu jingħata kura intensiva u għadda xi xhur l-isptar u żmien ieħor rikoverat, u fi kwalunkwe każ spiċċa f'delibitazzjoni permanenti skont ma jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

Illi għalhekk l-esponenti sofrew danni li jikkonsistu f'ammont ta' danni li huma riżultat dirett ta' l-inċident imsemmi kif ukoll danni emerġenti li jiġu ppruvati waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

Illi għalkemm l-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni; u ħlas ta' danni sofferti dawn baqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom responsabbli għall-inċident fuq imsemmi li fih safa korrut iben minuri ta' l-atturi;

2. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallas lill-atturi l-ammont ta' danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċċjali ta' Novembru 1993 u tal-mandat ta' sekwestru tad-29 ta' Diċembru 1993 kollha kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa mħarrka għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament maħlufa minn Salvu Cassar.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Paul Cardona u Carmel Cascun nomine li eċċepew illi:

1. Preliminarjament, l-eċċipjenti nomine, bil-mod kif ġew ċitati, ma humiex il-leġittimi kontradittturi billi huma mhumiex ħlief aġenti tas-Soċjeta' estera, kif ġa' kienu mgħarrfa l-istess atturi. Għalhekk in kwantu diretta kontra tagħhom it-talba attriċi hi nulla;

2. Bla preġudizzju għall-premess u fil-meritu l-eċċipjenti nomine ma kienu bl-ebda mod ko-involti fil-mili tal-qatran fil-bowseru/jew mat-tqandil jew ġarr tal-istess, b'dan illi huma ma humiex responsabbli għall-infortunju u għad-danni pretiżi u reklamati mill-atturi;

3. Inoltre l-atturi nomine jridu jirnexxu fil-prova illi l-allegat inċident li minnu qed jippretendu risarċiment kien l-efett dirett ta' xi att jew ommissjoni da parte tal-eċċipjenti nomine u dan kif rikjest bl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili;

4. F'kull każ jidher li l-atturi qua ġenituri tal-minuri ppekkaw kontra l-liġijiet viġenti meta ppermettew lill-minuri jagħmel xogħol meta mhux suppost, f'liema każ proprju huma għandhom iwieġbu għad-danni u dan ai termini tal-Artikoli 1034 u 1037 tal-Kap. 16, apparti ksur tal-liġijiet li jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti nomine maħlufa minn Paul Cardona.

Rat ir-Rikors ta' Mario Grech u l-Avukat Dottor Giannino Caruana Demajo għan-nom u in rappresentanza tas-soċjeta' Middle Sea Insurance Co. Limited tat-23 ta' Marzu 1994, fejn talbu li jiġu awtorizzati jintervjenu bħala parti fil-kawża *in statu et terminis*, u dana billi din is-soċjeta' kellha nteress bħala assikuratrici tas-soċjeta' konvenuta Valletta Management Services Limited.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Mejju 1994 fejn laqgħet din it-talba.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Michael Cremona tas-7 ta' Settembru 1994, li bil-visto tal-atturi, eċċepixxa li:

1. Illi d-domandi attriċi in kwantu huma diretti fil-konfront tal-eċċipjenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-ħsara li ġarrab bin l-atturi Claudio ma kienetx dovut għal xi kawża li tirreferi għall-eċċipjenti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Mejju 1994 fejn innominat lill-Avukat Dottor Carmelo Galea bħala perit legali f'din il-kawża, bl-assistenza tal-Professur Victor Griffiths bħala espert mediku.

Rat in-Nota ta' Claudio Cassar tad-9 ta' Frar 1995 fejn assuma l-atti tal-kawża stante li sar maġġorenni.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Novembru 1996 fejn Martin Portelli ġie kjamat fil-kawża.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Jannar 1997 fejn l-Avukat Dottor Mario Scerri ġie nominat kuratur sabiex jirrappreżenta lill-kjamat fil-kawża Martin Portelli li kien jinsab imsiefer.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dottor Carmelo Galea li ġiet ippresentata fis-27 ta' Diċembru 1999 u minnu maħlufa fit-18 ta' Jannar 2000.

Rat ir-rapport tal-espert mediku l-Professur Victor Griffiths ppresentat kontestwalment mar-rapport ta' Dottor Galea, u mahluf fid-9 ta' Frar 2000.

Rat id-digiet tagħa tal-11 ta' April 2000, fejn fuq talba tal-atturi hatret lill-avukati Dottor Joseph Micallef Stafrace, Dottor Joseph R. Micallef u Dottor Joseph Galea Debono bħala periti addizzjonali.

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Marzu 2002, fejn innominat lill-avukati Dottor Philip Bianchi u Joseph Azzopardi bħala periti addizzjonali minflok l-avukati Dottor Joseph R. Micallef u Dottor Joseph Galea Debono, li sadanittant ġew elevati għall-ġudikatura.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Jannar 2004, fejn innominat lill-avukat Dottor Joseph Buttiġieġ bħala wieħed mill-periti addizzjonali minnflok Dottor Joseph Azzopardi, li sadanittant ġie elevat għall-ġudikatura.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' April 2006 fejn ħatret lill-Avukat Dottor Noel Camilleri bħala wieħed mill-periti addizzjonali minflok Dottor Philip Bianchi li talab li jiġi sostitwit.

Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali ppresentata fil-21 ta' Mejju 2008 u maħlufa mill-Avukat Micallef Stafrace fit-12 ta' Jannar 2009, mill-Avukat Noel Camilleri fid-19 ta' Jannar 2009, u mill-Avukat Buttiġieġ fit-23 ta' Jannar 2009.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Marzu 2011 fejn, fuq talba tal-atturi, ordnat il-kjamata fil-kawża tas-soċjeta' estera ERES BV.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Ottubru 2011 fejn, wara talba tas-soċjeta' konvenuta Valletta Management Services Limited għar-revoka tad-digriet tagħha tat-8 ta' Marzu 2011, ikkonfermat l-istess digriet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Mejju 2012 li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-appell tal-istess soċjeta' konvenuta dwar dan id-digriet, billi ma kienx appellabbli f'dak l-istadju tal-proċeduri.

Rat ir-riferta pożittiva tas-soċjeta' ERES BV, li ġiet debitament notfikata biċ-ċitazzjoni, kif jirriżulta mill-ittra mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Ġunju 2013 u d-dokumenti annessi.[1]

Innotat li, minkejja din in-notifika, l-istess soċjeta' estera għażlet li tibqa' kontumaċi.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Mario Scerri nomine li, bil-visto tal-atturi, eċċepixxa illi:

1. illi l-eċċipjenti mhuwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant jirriżerva li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt in kontestazzjoni tat-talbiet attriċi wara li jiġi provdut lilu l-indirizz tal-kjamat fil-kawża minnu rappreżentat u jirnexxielu jikkomunika miegħu u jsir jaf aħjar mingħandu x'inhi l-kontestazzjoni o menu tiegħu;

2. illi fi kwalunke' każ l-eċċipjenti mhuwiex responsabbli għall-inċident meritu fil-kawża, u mhuwiex hu li għandu jwieġeb għad-danni pretisi mill-atturi;

3. illi finalment l-eċċipjenti jirrimetti ruħhu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti fuq il-provi kollha li jiġu miġbura;

4. illi l-ispejjeż tal-kuratur għandhom jiġu akkollati lill-atturi;

5. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess Dottor Scerri nomine, kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Frar 2014 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

---

[1] A fol. 619 – 664 tal-process

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-atturi in segwitu għal inċident li seħħ fit-13 ta' Lulju 1993 li fih binhom, li dakinhar kien għadu minuri, korra serjament billi ġarrab ħruq estensiv f'diversi partijiet ta' ġismu b'qatran jaħraq li spara għal fuqu minn ġo *tanktainer*. L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[2] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendu li hu l-każ presenti l-atturi.[3]

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare.*"[4]

FATTI

Dik il-ħabta, l-attur Salvu Cassar kellu kuntratt mingħand id-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi f'Għawdex sabiex jittrasporta l-qatran minn Depot f'Manoel Island, mikri lill-kumpanija estera ERES BV mingħand is-soċjeta' Medserv, lejn Għawdex. Dan il-kuntratt kien jikkonsisti filli huwa jibgħat ħaddiem minn tiegħu biex jirtira *tanktainer* li jkun mtela' minn qabel bil-qatran f'dak id-Depot, jiġbdu bit-*trailer* tiegħu u jitlaq bih lejn iċ-Ċirkewwa

[2] 44 Dig. Del leg.aquil.IX,2
[3] art.1033 Kap.16
[4] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol.II. # 18 p.32-33

biex jgħabbih fuq il-vapur għal Għawdex. Fi trieqtu kien jieqaf in-Naxxar, fejn kien hemm piżaturi tal-Gvern, sabiex t-*tanktainer* jintiżen. Dan il-ħaddiem kien imbagħad iwasslu sal-ħanut tal-attur f'Għajnsielem. Il-ħaddiem li kien iwettaq dan ix-xogħol kien invarjabilment ikun ċertu Joe Pace, u xogħlu kien jispiċċa hemm. Dakinhar tal-inċident kien l-istess Joe Pace li wassal it-*tanktainer* in kwistjoni għand l-attur.

Mill-ħanut tal-attur, kien ikun hemm ħaddiem ieħor, normalment il-konvenut Michael Cremona, illi kien jaqbad it-truck kif jasal u jieħdu fl-impjant tat-*tarmac* li hemm fi Triq iż-Żebbuġ, ir-Rabat. Miegħu kien ikun hemm dejjem xi ħaddiehor, għaliex ix-xogħol li kien meħtieġ li jsir f'dan l-impjant, u ċioe' li jbattlu l-kontenut tat-*tanktainer* f'*resevoir* ma setax isir minn bniedem waħdu. Din it-tieni persuna kienet tkun l-attur Claudio Grech, u ġieli kien imur missieru stess. Kif jaslu l-impjant tat-*tarmac*, kienu jtellgħu t-truck fuq speċi ta' rampa illi tiġi fil-għoli aktar mill-ġibjun fejn kien jinħażen il-qatran. Xi ħadd minnhom kien imbagħad jaqla' t-tapp bil-kamin illi jkun hemm imqabbad ma' *exit pipe* fin-naħa t'isfel fuq wara tat-*tanktainer*, minn fejn kien joħroġ il-qatran, filwaqt li l-ieħor kien jieħu hsieb iqabbad kanna tal-ħadid mal-istess *exit pipe*. Wara kienu jdawru valve (speċi ta' *stop cock* kif sejjaħlu Salvu Cassar) sakemm jibda ħiereġ il-qatran bis-saħħa tal-gravita' u jiskula ġol-ġibjun sakemm jitbattal. Il-valve kien jinfetah bi speċi ta' ċavetta twila (*wrench*) u kienet meħtieġa ċertu forza biex dan il-valve jinfetaħ, li kienet tvarja skond it-temperatura tal-qatran, it-temperatura ambjentali u fatturi oħra.

Dakinhar tal-inċident mertu tal-kawża kien Claudio Cassar li beda jħoll it-tapp bil-kamin, mentri Michael Cremona qabad il-pipe biex ikun pront iwaħħlu mal-*exit pipe* tat-*tanktainer* flok it-tapp. Ġara pero' illi kif it-tapp kien kważi inħall għal kollox, dan spara bil-forza tal-qatran li kien hemm miġmuħ wara t-tapp, u l-qatran jaħraq li ħareġ ħasel lil Cassar minn fuq s'isfel, bil-konsegwenza li dan ġarrab ħruq estensiv f'ġismu.[5] Irriżulta li l-valve li kien jinsab aktar 'l ġewwa mill-kamin, dakinhar ma kienx f'posizzjoni magħluqa, u għalhekk il-qatran, wara li tneħħa t-tapp, seta' joħorġ liberament, mentri s-soltu jkun għadu mrazzan bil-valve f'posizzjoni magħluqa, u ma jinfetaħx qabel ma jkun ġie mqabbad sew il-*pipe* mal-kamin.

[5] Ara rapport rilaxxjat mill-kirugu Mr. Charles Swain li opera u kkura lill-vittma in segwitu għal dan l-ncident; Dok.A a fol. 7 – 8 tal-process

**Il-Professur Alfred J. Vella** li kien ġie nominat fl-inkjesta relattiva għal dan l-inċident mill-maġistrat inkwirenti sabiex jeżamina t-*tanktainer* in kwistjoni, fisser li: " *L-exit pipe huwa kontrollat minn gate valve li jinfetaħ u jingħalaq minn plug kwadru kif tindika skematikament Figure 2. Dan il-plug huwa muri bħala (1) u l-exit pipe bit-tarf kamin jidher bħala (2). Biex jinfetaħ u jingħalaq dan il-valve, wieħed idaħħal fil-plug tiegħu ċ-ċavetta li hija murija (mhux to scale) bħala (3) f'figure 2. It-toqba kwadra taċ-ċavetta tidħol fil-plug tal-valve u b'hekk dan ta' l-aħħar ikun jista' jiddawwar. Din iċ-ċavetta ma titħalliex fil-post meta il-valve jissakkar. Inċiż fil-metall tal-plug, hemm sinjal diagonali muri bħala (4) fl-isketch, li jservi ta' marka li turi jekk il-gate valve hux miftuħ jew magħluq. Meta s-sinjal ikun kif indikat f'Figure 2, dan ifisser li l-valve huwa magħluq. Meta ikun kif jidher f'Figure 2a, il-gate valve ikun miftuh."* [6]

RESPONSABILITA'

L-atturi jikkontendu, għalhekk, illi jaħtu għal dan l-inċident il-konvenuti u l-kjamati fil-kawża, jew xi ħadd minnhom, talli ma ħadux ħsieb jassikuraw li l-valve intenzjonat biex ma jħallix qatran jorħoġ mill-*exit pipe* tat-*tanktainer* in kwistjoni, jkun għadu magħluq meta jitneħħa t-tapp protettiv fuq l-istess pipe.

Fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabilita' akwiljana, l-prinċipju huwa li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha.[7] Il-liġi tistipula li jaħti ta' għemil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.[8] Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal jirriżulta wkoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni.[9] Ta' dan in-nuqqas irid jagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabilita' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż.[10]

Intqal ukoll mill-qrati tagħna illi:

[6] Ara pagni 7 -8 ta' dan ir-rapport, li jinsab anness mar-rapport peritali ta' dottor Carmelo Galea, a fol. 279 - 293 tal-process , u skizzi a fol.286, 287
[7] Art.1031 Kodici Civili
[8] Art.1032(1) ibid.
[9] Art.1033 ibid.
[10] Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri: P.A. 3.10.2003

*"Hu għalhekk importanti għall-finijiet ta' din il-kawża li jiġi preċiżat f'hiex tikkonsisti l-kolpa f'każ ta' fatt dannuż li minnu toriġina l-**azzjoni akwiljana**;*

*Hemm diversi definizzjonijiet fid-dottrina tal-'colpa', iżda kif jesprimmi ruħu l-**Carrara** (Progr.Parte Gen. Vol. I.para.80): 'Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale s'asside la colpa sara' sempre questo: **(1) volontarieta' dell'atto, (2) mancata previsione dell' effetto nocivo,(3) possibilita' di prevedere'**. Fil-para. 83, dan l-awtur jirribadixxi illi **'ma essenza della colpa sta tutta nella Prevedibilita'** ;*

*Din hi n-nozjoni tal-'colpa' tradizzjonalment aċċettata fis-sistema legali malti, ċjoe' dik bażata fuq il-prevedibilita'. Hu sewwa u loħiku li jkun hekk; għaliex il-prevedibilita', bħal distinta mill-previzjoni, isservi biex tiddistingwi l-colpa' mid-dolo; u l-konkors tagħha jiddifferenza l-kolpa mill-każ fortuwitu. Dan hu l-konċett tal-awturi l-aktar akkreditati, fosthom, minbarra dak fuq ċitat, **Chironi** - 'Colpa Extra-Contrattuale'; il-**Pincherle** p.105. Manuale Dto. Penale, para.49 -51; **Arabia**, Princip. Dto. Pen., pag.127, para.101; **Giuliani,** Istituz. Dto. Crim. p.80 et seq.; **Brusa**, Saggio d'una dottr. gen. del reato p.101; u l-**Crivellari**, Cod.Pen., Vol.III .para.32;*

*Din il-Qorti hi a konjizzjoni tal-fatt li xi awturi moderni riedu jissotitwixxu dan il-kriterju tal-prevedibilita' b'nozzjonijiet oħra … iżda jgħid sewwa f'publikażjoni reċenti (1956), il-**Barsiello**, Primo Presidente Corte Suprema di Cassazione, fil-ktieb tiegħu "I limiti della Responsabilita' per Danni' p.299: - 'Senonche' bisogna sempre tener presente che quando si voglia approfondire la natura della condotta che viene definita negligente,imprudente e simili, quando si voglia valutare la efficenza della causa non da un punto di vista astratto e meċċanico, ma agli effetti di farne derivare la responsabilita', non si puo' fare astrazione dalla disamina, se,nel caso, l'effetto era prevedibile. Il criterio della prevedibilita' o non dell'evento in conseguenza della condotta possa o non qualificarsi imprudente, negligente, e simili; ed e' percio che coloro che avversano la enunciata antica teorica non possono fare astrazione, sia pure con altro linguaggio, dal 'prevedibile', quando si fanno a precisare i limiti del fatto colposo.' ."*[11]

Ġie affermat ukoll illi:

[11] Annunziato D"Amato et vs Joseph Camilleri et. (1958); kollez. Vol.XLII I.80.

"Illi sabiex tirnexxi azzjoni għad-danni iridu jiġu ippruvati erba' elementi:

(1) il-fatt dannuż illeċitu;

(2) l-imputabbilita ta' l-istess fatt għal min ikun għamlu;
(3) id-dannu ikkaġunat minn dan l-istess fatt u

(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun għamlu." [12]

Għalhekk ikun hemm ir-responsabbli għad-danni jekk tiġi ippruvata konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati minn l-istess att.

Illi in linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li "*hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża.*" (kollez. Vol. XLIV P1 p.343).

**L-ewwel perit legali**, Dottor Carmelo Galea, wara li eżamina l-provi minnu miġbura, wasal għall-konklużjoni li:

(i) is-soċjeta' konvenuta **Valletta Services Management Limited** ma kellha ebda responsabilita' għall-inċident de quo. Dan għaliex ma rriżultax: "*illi kellha xi kontroll fuq it-tanktainers illi fihom kien jinġarr il-qatran, fuq l-istat li fihom jinżammu mantnuti dawn it-tanktainers, lanqas fuq il-mod kif jimtlew dawn it-tanktaines, u kif jiġu konsenjati lill-ħaddiem ta' Salvu Cassar. Huma kellhom taħt idejhom id-dokumentazjoni neċessarja sabiex is-soċjeta' estera illi huma kienu jirraprezentaw, Eres Bitumen S.A. tal-Belġju tkun tista' titħallas tal-konsenji illi twettaq minn żmien għal żmien biss;*"

(ii) il-konvenut **Michael Cremona** "*kien sempliċi impjegat ma' Salvu Cassar. Huwa veru illi ma kien jagħti ebda direttivi jew ordnijiet lil*

[12] Agius vs Busuttil: Appell:14.12.1982

*Claudio Cassar, iżda dan ta' l-aħħar kien jaġixxi fuq struzzjonijiet almenu impliċiti, u ċertament bil-konoxxenza u approvazzjoni ta' missieru Salvu Cassar. Pero' huwa veru ukoll illi dan Michael Cremona lanqas biss kien konxju tal-fatt illi t-tanktainer kellu indikazzjoni jekk il-valve ta' wara jkunx miftuħ jew le. Kieku Michael Cremona kien konxju ta' dan il-fatt, huwa seta' faċilment jassigura ruħu illi ma jiġrux inċidenti simili għal dak mertu ta' din il-kawża. Għandu jingħad ukoll illi kwalunkwe responsabilita' illi kellu Michael Cemona għall-inċident de quo kienet minima. L-istess injoranza tal-fattur daqstant importanti (l-indikażżjoni fuq il-valve innifsu jekk huwiex miftuħ jew magħluq) illi wera Michael Cremona urieha Salvu Cassar u Claudio Cassar."* Għalhekk il-perit legali ffissa r-responsabilita' ta' dan il-konvenut fil-grad ta' ħamsa fil-mija (5%);

(iii) parti mir-responsabilita' kellha tiġi attibwita lill-attur **Salvu Cassar** stess talli: *"fl-ewwel lok kien jippermetti lil ibnu illi jwettaq xogħol ta' dik in-natura mingħajr ma kien konformi mal-ligijiet tal-pajjiż; konformita' illi kieku kienet tawtorizza lil Claudio Cassar illi jibda jirċievi xi tip ta' benefiċċji soċjali u kumpens mingħand id-Direttur tax-Xogħol. Fit-tieni lok ma pprovdiex lil ibnu b'xi tip ta' lbies protettiv kontra possibilita' ta' inċidenti simili għal dawk li effettivament avvera ruħu. Fit-tielet lok talli huwa lanqas biss kien konxju tal-fatt illi l-valve tat-tanktainer kien juri minnu nnifsu jekk huwiex miftuħ jew le. Wieħed kien jistenna illi bħala l-imgħallem u l-bniedem responsabbli mill-operazzjoni kollha, Salvu Cassar kien jiffamiljarizza ruħu sewwa mal-fatturi kollha tal-materjal perikoluż illi huwa kien qiegħed iġorr, u t-tanktainer illi fih kien qiegħed jinġarr dak il-materjal. Il-fatt illi l-attur lanqas biss kien konxju ta' fattur daqstant elementari iżda ta' importanza daqstant vitali u fundamentali sabiex wieħed ikun jista' jevita inċidenti simili għal dak odjern ma jistax ma jitfax oneru ta' responsabilita' kbira fuq l-attur. Huwa veru li wieħed kien jistenna illi l-valve tat-tanktainer ikun magħluq u mhux miftuħ, u illi din ir-responsabilita' ta' Salvu Cassar ma teżonerax għal kollox lil min kien mela t-tanktainer bil-qatran; iżda ċertu grad ta' responsabilita' fl-attur jibqa' jissusisti."* Għalhekk dan l-attur ġie akkollat b'ħamsa u erbgħin fil-mija (45%) tar-responsabilita' għall-akkadut;

(iv) l-attur **Claudio Cassar** stess kien negliġenti wkoll: *"Wieħed ma jistax illum lil Claudio għal dak illi ġara ħlief għal fattur wieħed saljenti: l-injoranza tal-fatt illi l-valve tat-tanktainer kellu indikazzjoni intiża sabiex turi lil min ikun qiegħed jaħdem fuqu jekk huwiex magħluq jew miftuħ. Wieħed kien jistenna illi minkejja l-eta' tenera u l-immaturita' mistennija minn bniedem ta' dik l-eta', Claudio Cassar messu kien jaf, wara kważi sena jopera t-tanktainer, b'dan l-element ta' sigurta' fuq il-valve tal-container."* Għalhekk attribwielu ħamsa fil-mija (5%) tar-responsabilita';

(v) il-kjamat fil-kawża **Martin Portelli** : *"…kien il-bniedem responsabbli mill-mili tat-tanktainer. Kienet ħaġa ta' rutina għalih illi jagħmel dan ix-xogħol. Għalhekk kien ċertament mistenni illi jkun jaf bid-dettalji kollha*

*tat-tanktainer, fosthom l-indikazzjoni fuq il-valve jekk kienx miftuħ jew le. Ċertament illi kellu ukoll ikun konxju mill-perikolożita' tal-materjal illi fih kien jinnaviga. Fir-rapport tiegħu l-Professur Vella spjega kif jista' jagħti lok illi l-qatran ma jibdiex ħiereġ mill-ewwel minn ġo t-tanktainer minkejja illi l-valve ikun miftuħ. Bħala bniedem tal-mestjier Martin Portelli messu kien konxju ukoll minn dan il-fattur u għalhekk il-grad ta' diliġenza illi huwa kien juża fit-twettieq ta' xogħolu kellu jkun akbar. Minn dan kollu, jirriżulta illi Martin Portelli ma kien jagħmel xejn. Fil-fatt skond il-Professur Vella kien hemm diversi inċidenti preċedenti għal dak in kwistjoni illi setgħu servew ta' sinjal ta'allarm lil min kien jopera fil-bażi tal-Medserv. Il-fatt illi dawn is-sinjali komplew jiġu injorati jkompli jitfa' oneru ta' responsabilita' fuq dan Martin Portelli."* Huwa ġie għalhekk attribwit b'ħamsa u erbgħin fil-mija (45%) tal-ħtija.[13]

**Il-periti addizzjonali** da parti tagħhom kienu tal-fehma wkoll illi: "*… r-responsabilita' għall-inċident de quo għandha tiġi mqegħda fuq diversi persuni, li jirriżulta li naqsu mid-doveri tagħhom f'diversi stadji ta' l-operazzjoni u n-nuqqas tagħhom kien materjali biex ġie kawżat l-inċident,*" imma għal motivi u gradi ta' responsabilita' kemmxejn differenti minn dawk tal-ewwel perit. Infatti sabu illi:

(1) "*Kienet ir-responsabbilta' ta' **Portelli** li jħalli l-end cap mhux imwaħħal sal-ħin li jkun preżenti d-driver Pace, sabiex l-istess end cap jew jitwaħħal minn Pace stess, jew jitqiegħed fil-post fil-presenza tiegħu. Portelli għalhekk naqas mid-doveri tiegħu meta qiegħed hu l-ebda cap, xi siegħa qabel ma d-driver Pace mar biex jieħu t-tanktainer."*. Dan ġie attribwit b'ħamsa fil-mija (5%) tar-responsabilita' għan-negliġenza tiegħu.

(2) "*Kienet ir-responsabilita' tad-driver **Pace** illi jara li l-end cap tiġi mqegħda f'postha fil-presenza tiegħu, eżatt qabel ma jitlaq bit-tanktainer mid-depot u mhux, biex jgħaġġel ħalli jitlaq' jitlob illi din titqiegħed fil-post mhux fil-presenza tiegħu.*" Lil dan akkolawlu għaxra fil-mija (10%) tal-ħtija.

*(3) "Kienet ir-responsabbilta' ta' **Salvu Cassar**, bħala l-persuna li kienet timpjega lil kull min kien involut fit-trasport u tbattil tal-qatran jaħraq, illi:*

*(a) iħarreġ tajjeb lil kull wieħed mill-impjegati li kien jintbagħat biex jieħu parti f'dan ix-xogħol;*

[13] Ara rapport tal-perit legali dottor Camelo Galea a fol. 182 – 275 tal-process

(b) *ifiehem tajjeb lil kull impjegat x'kienu d-doveri tiegħu f'kull ħin tat-trasport jew tbattil tat-tank – ibda mill-mument meta d-driver kien jirċievi t-tank mid-depot sa ma t-truck jitbattal;*

(c) *jipprovdi protective clothing lill-persuni kollha nvoluti; u*

(d) *jgħallimhom b'liema proċedura kellhom jaħdmu minħabba safety. Punt importanti ħafna f'dan l-każ kien li ħaddiem qatt ma għandu jaħdem b'mod illi jkun quddiem l-exit pipe waqt li l-end cap ikun qed jiġi maħlul u, jekk irid iħoll l-end cap, għandu jagħmel hekk mill-ġenb."* Għaldaqstant lil Salvu Cassar attribwewlu sebgħin fil-mija (70%) tal-ħtija.

(4) *"Kemm ix-xhud (sic)* ***Cremona*** *kif ukoll Claudio Cassar naqsu meta f'xogħol ta' perikolu tant kbir – tbattil ta' qatran f'temperatura li tilħaq kważi 200* ċentigrad, indaħlu biex:*
(i) *joperaw makkinarju li ma kienux jafu biżżejjed dwaru;*

(ii) *bla ma mxew bi proċedura illi tagħti possibbilta' li wieħed ma jweġġax jekk inċidentalment jinqala' sinistru."* Lil Michael Cremona għalhekk attribwewlu ħamsa fil-mija (5%) tar-responsabbilta'.

(5) *"L-immaturita' fix-xogħol ta'* ***Claudio Cassar*** *illi fetaħ l-end cap f'posizzjoni tali li kien quddiem l-exit pipe swietlu ħsara kbira f'ġismu. F'operazzjoni tat-tip li kien qed jagħmel Claudio Cassar, kien indikat illi l-operatur jiftaħ l-end cap mill-ġenb ta' l-exit pipe u mhux minn faċċata tiegħu. Kieku Claudio Cassar fetaħ l-end cap mill-ġenb, x'ħinb ħareġ il-qatran jaħraq ma kienx jiġi dritt fuqu."* Lill-vittma attribwewlu għaxra fil-mija (10%) tar-responsabbilta'. [14]

**Il-Qorti** taqbel maż-żewġ perizji li bejn is-soċjeta' konvenuta Valletta Management Sevices Limited u l-akkadut ma kien hemm l-ebda ness kawżali. Din is-soċjeta' kienet tieħu ħsieb ix-xogħol amministrattiv li kellha s-soċjeta' estera ERES BV f'dawn il-gzejjer, u bħala tali kienet thallas is-salarju ta' Martin Portelli minn flus tal-kumpanija estera li kienet iżżomm f'isimha. Imma Martin Portelli kien impjegat direttament minn din is-soċjeta' estera u kien inkarigat minnha appuntu sabiex jieħu ħsieb li jitbattlu t-*tankers* mgħobbija bil-qatran li din kienet tibgħat Malta fir-*resevoirs* li kellha fuq Manoel Island, u ukoll biex jimtlew it-*tanktainers* għat-tqassim ta' dan il-qatran skond il-ħtieġa. Ma kellha assolutament ebda kontroll fuq il-metodi użati minn Portelli fit-tbattil jew mili ta' kontenituri tal-qatran.

[14] Ara relazzjoni tal-periti addizzjonali a fol. 485 et. seq. , u in partikolai pag. 37 -39 tar-relazzjoni

Ma tistax taqbel pero' mal-periti addizzjonali meta inkludew lid-*driver* Joe Pace fil-ħtija. Dan il-bniedem, għalkemm issemma fl-atti, mhuwiex parti fil-kawża. Huwa stabilit illi: "*…meta t-terzi ma jiġux imsejħa fil-kawża, ebda parti mit-tort ma jista' jiġi adebitat lilhom, u f'każ bħal dan min ikun inkariga lil dawk it-terzi iwieġeb hu għall-ħsarat minnhom ikkaġunati. Terz mhux parti fil-kawża, anke jekk magħruf, jibqa' 'terzo ignoto', u ebda parti mir-responsabbilta' ma tista' tintefa fuqha.*" [15]

Martin Portelli ċertament kellu kontribut kbir biex seħħ l-inċident in kwistjoni, kif tajjeb rrelata l-ewwel perit legali, u a skans ta' ripetizzjoni nutili tagħmel tagħha r-raġunijiet miġjuba fil-konkluzjoni ta' Dottor Galea f'dan ir-rigward. Portelli kien responsabbli mill-mili tat-*tanktainers,* inkluż għalhekk dak li twassal Għawdex minn Pace. Ma kien hemm ebda possibilta' li l-*valve* fl-*exit pipe* jinfetaħ waħdu waqt l-iskariġġ, għax kif ingħad fir-relazzjoni tal-Professur Vella, dan ikun issikkat sew, u lanqas kien hemm ebda raġuni għaliex dan jinfetaħ mid-*driver* Pace sakemm wassal it-*tanktainer* Għawdex. Għalhekk mhix assolutament kredibbli x-xhieda li ta l-istess Portelli quddiem il-Professur Vella, (għax f'dawn il-proċeduri baqa' qatt ma tal-verżjoni tiegħu tal-fatti), li huwa kien assikura ruħu li l-*valve* kien magħluq qabel ma kkonsenja t-tanktainer lil Pace. Il-fatt li Portelli qabad u poġġa l-*end cap* mal-*exit pipe* mingħajr ma qabel għamel l-aċċertamenti meħtieġa dwar il-*valve*, jkompli jżid il-grad ta' traskuraġini u negliġenza tiegħu.

Imma, kif ingħad, Portelli kien impjegat tas-soċjeta' estera ERES BV li ġiet kjamata fil-kawża, wara li kienu rrelataw il-periti addizzjonali. Wieħed irid jara, għalhekk, safejn tista' tiġi attibwita xi ħtija fuq din is-soċjeta'. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża "**Gauci v. Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma**," deċiża fil-5 ta' Marzu 2010 ġie ribadtit illi "*il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilta' ta' persuna għall-atti tal-impjegati tagħha li jikkawżaw danni lil terzi*." Ġie wkoll imfisser kif: "*Il-liġi tagħna taħt il-Kodiċi Ċivili taħseb għall-qagħda bħal din fl-Artikolu 1037 li jipprovdi illi "kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddiehor fl-eżekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi; In linea ta' prinċipju ġenerali fuq dan il-punt hu sottolinejat mit-Trimarchi ("La responsabilita` per fatto dei dependenti", RDC 1959, 22) illi "opportunamente il*

[15] Cassar vs Spiteri P.A. 26.09.2013 u Borg vs Grima: Appell: 6.10.1999, citati mill-Qorti tal-Appell fil-kawża: Dr.Tatiana Bonnici et. vs Nicholsons The Supermaket Ltd. et, deciza fit-28.02.2014

*rischio viene addossato all'imprenditore, il quale puo` prevederlo meglio del singolo malcapitato che volta per volta ne e` vittima: cio che e` fortuito per quest'ultimo non e` fortuito per il primo, bensi conseguenza calcolata di una propria iniziativa. E percio l'imprenditore puo meglio premunirsi contro il rischio, assicurandosi. Viene cosi garantito il risarcimento al danneggiato e soddisfa in tal modo un'esigenza che non dipende solo da considerazioni umanitarie, bensi anche dalla consapevolezza del grave danno economico e sociale derivante dall'abbattersi improviso della sventura su chi e` impreparato di fronte ad essa." Hu bl-istess mod konsimili, anke jekk mhux għal kollox indentiċi għall-kliem appena riportati, illi jesprimi ruħu l-Franzoni ("Dei fatti illeċiti", Ed. Utet 2004, pagna 234); Issa huwa minnu illi d-disposizzjoni relattiva tal-liġi taħt il-Kodiċi tagħna (Artikolu 1037) tiffonda r-responsabbilta` f'min iħaddem jew fil-kommittent fuq il-prinċipju tal-kolpa dovuta għall-għażla tad-dipendenti (culpa in eligendo).*

*B'danakollu, dik l-istess disposizzjoni tipprovdi mbagħad għall-alternattiva tal-eżami oġġettiv tar-riżultanzi istruttorji, apparti dik soġġettiva bl-użu tal-preposizzjoni "jew". Dan kif ġia` senjalat in extenso mill-Qorti tal-Appell, sede ċivili, fil-każ, "It-Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija", deċiż fl-1 ta' Marzu 1988. "Imprexxindibilment minn nozzjoni tal-culpa in eligendo jidher li hu l-orjentement ġurisprudenzjali ta' dawn l-aħħar snin illi r-responsabbilta` fil-kommittent jew f'min iħaddem hi wkoll presupposta għall-kondotta produttiva tad-dannu tal-persuna inkarigata mix-xogħol jew tad-dipendenti tiegħu. Ara, fost oħrajn, is-sentenzi esebiti fl-atti fl-ismijiet Michael Balzan vs Lawence Ciantar nomine, Prim'Awla Qorti Ċivili 6 ta' Ottubru 2002 per Imħallef David Scicluna u Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et, Prim'Awla Qorti Ċivili 12 ta' Diċembru 2002 per Imħallef Raymond Pace."*

Għaldaqstnt għan-nuqqas tal-impjegat tagħha Michael Portelli fil-konfront ta' min sofra l-ħsara, din is-soċjeta' estera taħti wkoll u b'mod solidali miegħu. Dan peress li l-grad ta' responsabbilta' ma tistax tiġi spezzata bejn ir-responsabbli.[16] L-istess bħal meta sid ta' proprjeta' jinkariga terz biex jgħamillu ċertu xogħol fil-proprjeta' tiegħu, għad-danni li jistgħu isofu terzi, jaħtu t-tnejn, is-sid u l-kuntrattur impjegat b'mod solidali, u ma jistax wieħed jitfa' t-tort fuq l-ieħor.[17]

[16] Cini vs Galea: Appell: 27.10.1958; Abela vs Bonnici: P.A. 23.01.1958
[17] Dr. Tatiana Bonnici et. vs Nicholsons The Supermarket Ltd. et : Appell: 28.02.2014

Madankollu b'daqshekk ma jfissirx li ħadd iżjed ma għandu xi sehem fil-ħtija għal dak li ġara. Kien l-attur Salvu Cassar li qabbad lil ibnu Claudio sabiex flimkien ma' l-impjegat tiegħu Michael Cremona jwassal it-*tanktainer* fl-impjant tat-*tarmac* u hemmhekk ibattluh mill-qatran jaħraq li kien hemm fih. Din ma kienitx l-ewwel darba li qabbadhom jagħmlu dan ix-xogħol u fortunatament qatt qabel ma kien hemm xi inċident simili. Imma dan xejn ma jaġevola lill-istess attur, għax kif qalet il- Qorti ta' l-Appell, "…***l-abbuż tal-bwona fortuna fl-imgħoddi ma jistgħax jiġġustifika n-non-kuranza tal-preżent***…"[18]

Salvu Cassar ma kien xejn ħlief l-*employer* ta' ibnu minuri u dan Michael Cremona. Bħala tali kien obbligu tiegħu li jipprovdilhom *a safe place of work*. Intqal a propositu mill-qrati tagħna illi :

"*Il-prinċipji li jirregolaw ir-responsabilita` ta' sid ta' intrapriża biex iħares is-saħħa tal-impjegati tiegħu huma ben stabiliti fil-ġurisprudenza. Fil-kawża ingliża* ***'Wilsons and Clyde Coql Co. vs English'*** *deċiża mill-House of Lords fl-1937, Lord Maugħam osserva :* ***'In the case of employments involving risk ... it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant and appliances, and works; secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly to provide a proper system of working****.'*
"*Fil-kawża* ***'Calleja vs Fino'*** *deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1980, ġie kwotat b'approvazzjoni li:* ***'It is the employer's duty to provide a safe system of work Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe : the accident in question justifies this.***" [19]

Għalhekk din il-Qorti tikkonkorri sew mal-ewwel perit legali kif ukoll ma' dawk addizzjonali dwar ir-responsabbilta' kontributorja ta' Salvu Cassar stess għall-akkadut, dovut min-nuqqasijiet tiegħu kif identifikati mill-istess periti.

[18] Annunziato D'Amato et vs Joseph Camilleri et. (Appell 1958); kollez. Vol. XLII.i.83
[19] Charles Farrugia vs Malta Investmnets Management Company Limited: P.A. 9.10.2003; ara wkoll: Eugenio Cassar vs Hallett Construction Ltd.: P.A. 29.05.2001; Gordon Spiteri vs Waste Control Services Ltd. :P.A. 25.01.2000; u Carmelo Cini vs Carmel Cacopado noe.P.A. 5.10.1999

In vista ta' dan, ma tħossx li tista' tiġi attribwita ebda negliġenza fil-konfront ta' Claudio Cassar jew Michael Cremona. Jirriżulta li dawn ftit li xejn kienu konxji mill-marka fuq il-*valve* tal-*exit pipe* tat-*tanktainer* li tindika li kien magħluq jew miftuħ. Kif ġie mfisser mill-periti legali, dawn qatt ma ġew struwiti dwar dan mill-imgħallem tagħhom, u għalhekk anqas kien prevedibbli għalihom li dan il-*valve* seta' tħalla miftuħ.

F'dawn iċ-ċirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti li għal dan l-inċident jaħtu ndaqs sew l-attur Salvu Cassar minn naħa, li għalhekk qed jiġi attribwit b'hamsin fil-mija (50%) tar-responsabbilta' għal dak li ġara, kif ukoll il-kjamati fil-kawża Martin Portelli u s-soċjeta' ERES BV minn naħa l-oħra, li qed jiġu attribwiti bil-ħamsin fil-mija (50%) l-oħra tar-responsabbilta' għall-inċident mertu tal-kawża, *in solidum* bejniethom.

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif pie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[20] Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie.[21]

Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**Damnum Emergens: (a)** Dwar dawn jaqblu kemm l-ewwel perit kif ukoll il-periti addizzjonali, li jammontaw għal Lm1800. Dawn kienu jinkludu spejjeż

[20] Savona vs Asphar: Appell:23.6.1952
[21] Carmelo Fenech vs Antonio Galea;vol.XL.I.73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech;vol.XLII.II.1019

għall-kura li kienet meħtieġa biex jiddewwa Claudio Cassar, u huma kompatibbli mal-feriti li ġarrab.[22]

**Lucrum Cessan**s: Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal piuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: *"Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunzjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom….. Diversi drabi l-qrati tagħna segwew il-principji enuncjati fil-kawża 'Butler v.Heard'.*[23] Imma kif ġie enfasizzat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża:

*"Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm il-darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[24]

Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġior parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-***multiplier system*** li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-zmienijiet attwali.[25]

Fil-każ in eżami nsibu illi l-vitma kellu sbatax il-sena meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża u ġie ċertifikat mill-espert mediku nominat mill-Qorti li jbati debilita' permanenti fil-grad ta' erbgħin fil-mija (40%).[26] Il-periti legali qablu li għall-fin ta' din il-likwidazzjoni għandha tittieħed paga ta' mitt lira maltija

[22] Għad-dettalji relattivi ara rapport ta' dottor Galea para. 65 – 67 a fol. 270 -271 tal-process; u rapport tal-periti addizzjonali ,para.76.
[23] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell:15.1.2002
[24] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et :Appell: 20.7.1994
[25] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din I-Qorti tat-13.5.2003
[26] Ara rapport mediku tal-Pofessur Griffiths a fol. 277 -278 tal-process

(Lm100) fil-gimgħa mifruxa fuq ħajja lavorattiva ta' tletin (30) sena. Dawn għalhekk iġibu: Lm100 x 52 x 30 x 40% = Lm62,400. (Il-periti addizzjonali erronjament illikwidaw somma ta' Lm156,000, għax insew jikkalkulaw il-percentaġġ ta' debilita'). L-ewwel perit legali mbagħad naqqas għaxra fil-mija (10%) minn din is-somma minħabba l-*lump sum payment* u l-periti adddizzjonali niżżluha għal ħamsa fil-mija (5%).[27] Billi pero' minn dakinhar reġgħu għaddew sitt snin oħra, u tenut kont id-dewmien straordinarju sabiex tinqata' din il-kawża bl-ebda ħtija tal-atturi, hija l-fehma ta' din il-Qorti li issa m'għandu jinqata' xejn mis-somma dovuta għal dan il-fini.

RI-EPILOGU

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli u likwidat in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huwa s-segwenti:

1. Damnum emergens: Lm 1,800 +
2. Lucrum Cessans: Lm62,400

- Total ta: Lm64,200.

Billi pero' l-atturi ma jistgħux jiġu kkundannati jħallsu xi danni lilhom infushom, u l-kjamati fil-kawża Micahel Portelli u s-soċjeta' ERES BV ġew misjuba responsabbli għal ħamsin fil-mija (50%) tan-negliġenza li wasslet għal dan l-inċident, huma għandhom *in solidum* bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm31,200, jew aħjar illum, tnejn u sebgħin elf, sitt mija sitta u sebgħin euro (€72,676).

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta Valletta Management Services Limited, u tiddikjara li din ma kienet bl-ebda mod ko-involta fil-mili tal-qatran fil-bowser u/jew ġarr tal-istess, u għalhekk

[27] Ara relazzjoni tal-ewwel perit legali a fol. 273, u dik tal-periti addizzjonali a fol. 44 - 45 tal-relazzjoni tagħhom

mhux responsabbli għall-infortunju u għad-danni pretiżi u reklamati mill-atturi;

2. tilqa' wkoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Michael Cremona u tiddikjara li lanqas hu m'għandu ebda ħtija għal dak li ġara;

3. tilqa' in parti l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-kjamati fil-kawża Martin Portelli, kif rappresentat f'dawn l-atti mill-kuratur Dottor Mario Scerri nomine, u s-soċjeta'estera ERES BV responsabbli flimkien għal ħamsin fil mija (50%) tan-negliġenza li wasslet għall-inċident mertu tal-kawża; u

4. tillikwida l-ammont dovut lill-atturi in linea ta' danni minħabba dan l-inċident fis-somma ta' tnejn u sebgħin elf, sitt mija sitta u sebgħin euro (€72,676).

5. tikkundanna lill-istess kjamati fil-kawża Martin Portelli u s-soċjeta' estera ERES BV *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali spedita f'Novembru 1993 u tal-Mandat ta' sekwestru tad-29 ta' Diċembru 1993, jinqasmu bejn l-atturi minn naħa u l-istess kjamati fil-kawża *in solidum* bejniethom minn naħa l-oħra. L-ispejjeż tas-soċjeta' ntervenuta fil-kawża, jibqgħu a karigu tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------